MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 1332/2002/1

**Carmen u Doris ahwa xebbiet Micallef**

**v.**

**Anthony u Rita konjugi Micallef**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi huma usufruttwarji u proprjetarji tal-fond 'Ave Maria' St. George's Street, San Pawl il-Bahar liema proprjetà kienet

tappartjeni originarjament lill-mejta genituri taghhom Giuseppe u Giuseppa konjugi Micallef li mietu rispettivament fis-27 ta' Dicembru 1973 u fit-12 ta' Gunju 1989; illi l-wirt taghhom iddevolva fuq uliedhom fosthom il-kontendenti b'zewg testmenti tal-1 ta' April 1971 u tat-2 ta' Frar 1973 fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela li kopja taghhom hija annessa u markata bhala dokumenti A u B; illi l-wirt tal-konjugi Giuseppe u Giuseppa konjugi Micallef gie debitament denunzjat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond kopja tad-denunzja annessa u mmarkata dokument C; illi skond it-testment tat-2 ta' Frar 1973 fl-atti tan-Nutar Dottor Salvatore Abela l-atturi gew imhollija b'titolu ta' legat ir-razzett 'Ave Maria Farmhouse' liema legat kien jikkonsisti fl-uzu u dritt ta' abitazzjoni tal-istess fond u jinkludi wkoll l-arja tal- *garages* li jservi (*sic*) bhala terrazzin tal-fond tar-rikorrenti (*sic*); illi l-*garages* sottostanti dan it-terrazzin jew arja gew imhollija lit-tlett ahwa Paul, Anthony u Alfred ahwa Micallef li sussegwentement gew divizi bejniethom; illi l-konvenuti waqqghu l-istess *garage* mholli lil Anthony Micallef mill-mejta genituri tieghu minghajr l-arja tieghu u wara li xtraw il-*garage* ta' huh Paul Micallef, bnew il-fond 'L-Gholliequ' St. George's Street, San Pawl il-Bahar; illi dan il-fond 'L-Gholliequ' St. George's Street, San Pawl il-Bahar jigi biswit il-*garage* ta' huh Alfred Micallef u adjacenti l-fond tal-atturi u sottostanti l-arja tat-terrazzin tal-atturi; illi ghalhekk minflok il-*garage* imholli lilu mill-genituri tieghu l-konvenuti bnew il-fond imsemmi; illi l-konvenuti qatt ma kellhom access ghall-arja tal-*garage* fejn illum jinsab il-fond 'L-Gholliequ' St. George's Street, San Pawl il-Bahar li kienet fil-pussess esklussiv tal-atturi u dan kif jirrizulta mir-ritratt anness u mmarkat dokument D; illi fl-24 ta' Ottubru 2002 b'mod abbusiv u llegali u klandestinament il-konvenut Anthony Micillef qabad u fetah fetha f'hajt divizorju kif jirrizulta mir-ritratt dokument E biex jaccedi ghall-arja tal-atturi; illi l-konvenuti la qatt kellhom access b'tarag ghal fuq l-imsemmi bejt u jew xi access iehor; illi dan l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll ricenti u vjolenti u sar ad insaputa taghhom u qed icahhad lill-atturi mit-tgawdija u l-uzu tal-arja tat-terrazzin taghhom li huwa sovrastanti in parti l-fond 'L-Gholliequ' St. George's Street, San Pawl il-Bahar stante li huwa fetah fetha fil-hajt komuni

u qed jaccedi ghal fuq l-arja fil-pussess taghhom; illi huma talbu l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni numru 2067/02 liema mandat gie michud ghax mhux ser ibatu pregudizzju irrimedjabbli; illi huma talbu l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni iehor numru 2150/02 li ma ntaqghax ghax mhux mehtieg peress illi l-konvenut Anthony Micallef impenja ruhu li ma jaccedix fuq il-bejt jew arja tal-atturi; illi l-konvenuti xorta ghadhom jitilghu fuq l-istess bejt u/jew arja; talbu ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: (1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti kkommettew spoll fil-konfront tal-atturi kif fuq intqal u cioè billi fethu bieb ossija fetha fil-hajt komuni biex b’hekk ikunu jistghu jaccedu ghal fuq il-bejt ossija arja tal-atturi li hija in parti sovrastanti l-fond tal-konvenuti ‘L-Gholliequ’ St. George’s Street, San Pawl il-Bahar; (2) tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien terminu qasir u perentorju li jigi ffissat minn dik il-Qorti ghal dan l-iskop jaghmel dawk ix-xogholijiet kollha necessarji biex tinghalaq il-fetha ossija bieb fil-hajt komuni bejn il-fond tal-atturi u dak tal-konvenuti biex b’hekk il-konvenuti ma jkunux jistghu jaccedu ghal fuq il-bejt ossija arja tal-atturi li hija in parti sovrastanti l-fond tal-konvenuti ‘L-Gholliequ’ St. George’s Street, San Pawl il-Bahar; (3) fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi biex jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha necessarji u rimedjali taht is-sorveljanza ta’ periti nominandi a spejjez tal-konvenuti biex huma jghalqu l-access ossija bieb ossija fetha fil-hajt komuni biex b’hekk il-konvenuti ma jkunux jistghu jaccedu ghal fuq il-bejt ossija arja tal-atturi li hija in parti sovrastanti l-fond tal-konvenuti ‘L-Gholliequ’ St. George’s Street, San Pawl il-Bahar; bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandat(i) ta’ inibizzjoni numru 2150/02 u 2067/02 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni u b’rizerva ghal kull azzjoni ta’ danni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-atturi u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:

1. Illi l-domandi attrici huma nfondati fid-dritt, u izjed ukoll infondati fil-fatt, kif se jigi spjegat fid-dikjarazzjoni

ghaliex ebda att fiziku jew inizjattiva da parti tal-eccipjenti ma saru li jistghu lontanament jikkostitwixxu spoll;

2. illi l-azzjoni attrici hija ves(s)atorja u l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni din l-eccezzjoni fil-konsiderazzjoni tal-vertenza;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Anthony Micallef, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru, 2004 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:
"… tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet atturi u tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll fil-konfront tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien xahar jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha necessarji biex tinghalaq il-fetha jew bieb fil-hajt komuni bejn il-fond tal-atturi u dak tal-konvenuti biex b'hekk il-konvenuti ma jkunux jistghu jaccedu fuq il-bejt in kwistjoni u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu dan a spejjes tal-konvenuti. Ix-xoghol ghandu jsir dejjem taht is-supervizjoni tal-AIC Frederick Doublet;

L-ispejjez tal-kawza jkunu kollha a kariku tal-konvenut";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta'spoll. L-atturi qed isostnu illi l-konvenut huhom ikkommetta spoll meta fl-24 ta' Ottubru, 2002 ghamel fetha f'hajt divizorju biex jaccedi ghall-arja li dejjem kellhom access ghaliha huma biss.

"Kif hu risaput huma tlieta r-rekwisiti biex l-azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma:

1. il-pussess;

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volontà tal-atturi; u

3. li l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

“Il-konvenuti f’din il-kawza ressqu diversi eccezzjonijiet li ser jigu trattati aktar il-quddiem.

“Fis-sentenza Delia vs Schembri (Prim Awla - 4 ta’ Frar, 1958) gie ritenut illi:
‘*L-azzjoni ta’ spoll is[s]ervi biex tipprotegi il-pussess, ikun x’ikun … li jigi vjolentement jew okkultament mehuda minn ghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm il-darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall-fatt ta’ min b’awtorità privata … jaghmel ghad-dannu ta’ terza persuna att li ghalkemm jista’ jkollu dritt ghalih ma jistghax jesercitah minghajr intervent tal-Qorti*.’

“Fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa ‘*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarietà dello spogliato*’ (Vol III Sez. 52).

“Kif gie ritenut fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit deciza fit-12 ta’ April, 1958:

‘*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta’ utilità socjali milli fuq il-principju assolut ta’ gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta’ kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-Ligi f’idejh; b’mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat*.’

“Kif ukoll gie ritenut:

‘*Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f’ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x’jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*’ - (*Appell Civili - Cardona vs Tabone - deciza fid-9 ta’ Marzu, 1992*).

"Fil-kaz in ezami l-azzjoni li tat lok ghal din il-kawza grat wara li l-konvenut ghamel xi xoghol ta' kostruzzjoni fuq bejt li skond l-atturi, kellhom access ghalih huma biss. Dan ghaliex, dejjem skond l-atturi, il-genituri taghhom kienu hallewlhom l-arja ta' fuq il-*garages* li kienu thallew lill-konvenut u lil hutu l-ohra Paul u Alfred Micallef. Il-konvenut wara kien akkwista wiehed minn dawn il-*garages* u b'hekk gie l-proprjetarju ta' zewg *garages*. Huwa waqqa' wiehed minnhom biex bena l-fond fejn qed joqghod. Il-Qorti zammet access fejn l-atturi ndikaw kif kienu jaccedu ghal fuq il-bjut u spjegaw li l-konvenut ghalaq il-parti minn fejn kienu jaccedu biex da parti tieghu ghamel fetha minn fejn seta' jaccedi hu.

"Il-konvenut da parti tieghu isostni illi huwa ma ghamel ebda att fiziku jew ha xi inizjattiva illi tikkostitwixxi spoll. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu isostni illi l-bejt in kwistjoni huwa diviz b'hajt li gie format in segwitu ghal sentenza bejn l-istess partijiet illi nghatat minn din il-Qorti fit-2 ta' Mejju, 2000.

"L-atturi pprezentaw *affidavit* konguntiv fejn spjegaw li ebda wiehed mill-*garages* li dwar l-arja ta' fuqhom qed issir il-kawza ma kellu access ghal fuq il-bejt in kwistjoni. L-atturi isostnu ukoll li kellhom il-pussess ghaliex il-genituri taghhom kienu hallewlhom l-arja in kwistjoni in uzufrutt. Huma pprezentaw ukoll *affidavit* ta' huhom l-iehor Alfred illi kkonferma li huma biss kellhom access ghal fuq il-bejt (Fol 38). Huhom l-iehor Paul ikkonferma ukoll illi *minn wara l-mewt ta' ommi u missieri huti l-bniet dejjem baqghu juzaw il-bejt in kwistjoni illi kien imdawwar b'opra morta*. Giet esebita ukoll sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn il-konvenut gie misjub hati illi fixkel lill-attrici (*sic*) mill-pussess ta' hwejjigha (Fol 52) in konnessjoni mal-kaz odjern. L-attrici Doris Micallef kontro-ezaminata, sostniet dak li kienet xehdet fl-*affidavit* (Fol 62 *et seq*).

"Gew esebiti diversi dokumenti izda dawn jikkoncernaw l-iktar it-titoli in kwistjoni u ghalhekk billi din hija kawza possessorja ma ghandhom ebda rilevanza jekk mhux jikkontribwixxu biex wiehed jifhem ahjar is-sitwazzjoni.

"Il-konvenut da parti tieghu qal hekk a Fol 86 *et sequitur* tal-process: *L-opra morta kienet kollha maghluqa, giebu extension kuntrabandu minn fuq il-garaxx ta' hija, dawruha bl-opra morta li lili lanqas hallewli minn fejn nghaddi … Xi sena ghamlu jonxru … Jien hallejthom jonxru ghax dejjem qaghdt kwiet … Ma kellix tarag ghal fuq il-bejt li huma qabdu u dawwruli l-opra morta tal-maisonette tieghu*.

"Fuq domanda tal-Qorti a Fol 91 tal-process jekk l-atturi kienux jonxru rrisponda '*Jien hallejthom bi pjacir*'. Il-konvenut allura fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jghid li ladarba kien jaghmel dan bi pjacir l-atturi kellhom biss mera tolleranza.

"Il-Qorti ma taqbilx ma' dan. Jidher car mill-provi mressqa li l-atturi minn zmien twil kellhom access ghal fuq il-bejt in kwistjoni. Jista' jkun li kien hemm zmien li kien miksi b'materjal li ma setax ikun hemm uzu prattiku tieghu izda certament li meta l-konvenut bena daru minflok il-garaxx, allura seta' jsir uzu liberu minnu da parti tal-atturi u minnhom biss. Il-Qorti kif già inghad m'hijiex ser tidhol fi kwistjonijiet petitorji ghal ragunijiet cari, izda hija konvinta li l-atturi mhux talli ilhom fil-pussess tal-arja izda addirittura jipposjeduha *animo domini* anke jekk tali pussess ma hux necessarju biex wiehed jistitwixxi l-azzjoni ta' spoll. Ghalhekk definittivament il-konvenut ikkommetta spoll meta ghamel ix-xoghol ta' kostruzzjoni in kwistjoni ghax permezz ta' dan ix-xoghol ghalaq ghal kollox l-access li kellhom l-atturi. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet <u>J. Vassallo Gatt vs J. Camilleri</u> (LXXX.ii.306) hu mehtieg li jintwera li meta saret l-azzjoni lamentata l-attur irid ikun *fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt*. F'dan il-kaz l-atturi kellhom iktar minn hekk. Il-konvenut qed jammetti li ghamel l-azzjoni lamentata u kwindi ma hemmx kontestazzjoni dwar it-tieni element tal-azzjoni ta' spoll.

"Kwantu ghat-tielet element, ma hemmx kwistjoni li l-kawza giet intavolata entro x-xahrejn kif provdut fl-artiklu 562 tal-Kapitolu 12 [*recte*: artikolu 535 tal-Kap. 16] tal-

Ligijiet ta’ Malta ghaliex l-ispoll gie konsumat fl-24 ta’ Ottubru u l-azzjoni ntavolata fil-25 ta’ Novembru, 2002.”

Rat ir-rikors ta’ appell tal-konvenuti illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza tal-24 ta’ Novembru, 2004 billi filwaqt illi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti, tichad it-talbiet ta’ l-atturi u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta ta’ l-atturi illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, illi l-appell huwa frivolu u vessatorju u l-konvenuti appellanti ghandhom jigu kkundannati jhallsu d-*doppie spese* u illi t-talbiet attrici ghandhom jigu kkonfermati (*sic*) bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenuti kontra s-sentenza appellata - hawn taht elenkati fl-ordni numeriku illi bih gew avanzati fir-rikors ta’ appell - huma s-segwenti:

1. Fi kliem ir-rikors ta’ appell:

“… l-atturi ma gew qatt imfixxkla fl-allegati drittijiet taghhom ta’ pussess. Konsegwentiement l-element mehtieg sabiex tirnexxi l-azzjoni ta’ spoll dak tal-att spoljattiv huwa mankanti bil-konsegwenza li l-azzjoni ma tistax tirnexxi”;

2. Ukoll fi kliem ir-rikors ta’ appell:

“Minbarra il-mankanza tal-element ta’ lis-*spoliatum fuisse* hemm ukoll il-mankanza tal-element tal-pussess”;

Ikkunsidrat:

Illi, kemm mill-aspett legali u kemm minn dak logiku, huwa opportun illi it-tieni (2) aggravju jigi konsidrat qabel l-ewwel (1) wiehed, ghaliex, jekk l-atturi ma' kellhomx pussess skond il-ligi ta' dak illi qed jallegaw illi gew spoljati minnu, ikun inutili illi jigi indagat jekk fil-fatt avverax ruhu il-fatt spoljattiv;

Ikkunsidrat:

Illi, sabiex isostnu t-tieni (2) aggravju taghhom, l-appellanti, fil-bidu tar-raba' (4) pagina tar-rikors ta' appell (fol. 133), issottommettew hekk:

"Il-konvenuti esponenti appellanti stqarrew fi[x]-xhieda taghhom li l-atturi ma kellhomx il-vesti guridika sabiex jezercitaw din l-azzjoni ghax il-pussess taghhom kien prekarju u bil-bona grazzja";

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, mis-silta appena citata mir-rikors ta' appell jirrizulta illi <u>l-appellanti mhux qed jinnegaw illi l-atturi kellhom il-pussess</u> ta' l-arja tal-bjut in kwistjoni. Huma qed isostnu, però, illi dan il-pussess kien wiehed prekarju jew godut b'*mera tolleranza* taghhom. Dan l-appellanti già kienu qed isostnuh quddiem l-ewwel Qorti tant illi, f'pagina tmienja (8) tas-sentenza appellata jinghad hekk (fol. 127):

"Fuq domanda tal-Qorti a Fol 91 tal-process jekk l-atturi kienux jonxru [il-konvenut] rrisponda '*Jien hallejthom bi pjacir*'. Il-konvenut allura fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jghid li ladarba kien jaghmel dan bi pjacir l-atturi kellhom biss *mera tolleranza*.

"<u>Il-Qorti ma taqbilx ma' dan</u>" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dina l-Qorti tmur *oltre* dak illi kkonstatat l-ewwel Qorti sabiex ikkonkludiet illi ma jirrizultax illi l-pussess in kwistjoni ta' l-atturi kien wiehed prekarju jew b'*mera tolleranza*. F'dan ir-rigward, huwa sinjifikattiv illi, waqt illi kien qed jigi kontroezaminat mid-difensur ta' l-atturi waqt l-udjenza tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju, 2004, u <u>qabel</u>

ma' l-ewwel Qorti, waqt l-istess depozizzjoni, poggiet id-domanda illi hemm riferenza ghaliha fis-silta appena citata mis-sentenza appellata, il-konvenut Anthony Micallef ma qalx illi hutu, l-atturi, kienu jonxru fuq il-bejt in kwistjoni b'*mera tolleranza* tieghu, izda qal illi hallihom jonxru sabiex izomm il-paci bejnu u bejn l-istess hutu. Is-silta relativa minn din id-depozizzjoni hija s-segwenti (fol. 87):
"Dr. Edward Debono: Hutek il-bniet kemm kien ilhom jonxru fuq il-bejt kollu?

Xhud: Fuq il-bejt kollu?

Dr. Edward Debono: Iva.

Xhud: Jiena hallejtu sommai [*sic*], <u>zammejt il-kalma</u> ha nghidlek x'ghamilt <u>ghax jiena dejjem qghadt kwiet</u>, sewwa.

Dr. Edward Debono: Kemm kien ilhom jonxru?

Xhud: Xi sena ghamlu jonxru imma hallejt … Jien <u>hallejthom</u> jonxru, <u>biss zammejt il-kwiet</u> biex ghada pit'ghada [*sic*] nirrangaw" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

In vista ta' dak illi inghad sa issa dwar l-aggravju in ezami, dina l-Qorti hija tal-fehma illi dan l-aggravju mhux fondat u illi ma hemmx lok illi jigu konsidrati s-sottomissjonijiet l-ohra maghmula mill-appellanti fir-rikors ta' appell dwar l-istess aggravju;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellanti huwa ghal kollox infondat ghaliex mill-atti processwali jirrizulta ampjament pruvat is-segwenti:

(i) illi, immedjatament qabel saret il-breccja jew fetha - imsemmija fl-att ta' citazzjoni u lamentata mill-atturi - fil-hajt jew opramorta illi ticcirkonda l-bejt in kwistjoni, l-atturi kellhom il-pussess <u>esklusiv</u> ta' l-arja ta' l-istess bejt;

(ii) fil-paragrafu enumerat tnejn (2) tad-dikjarazzjoni tal-konvenuti akkompanjanti n-nota ta' eccezzjonijiet taghhom, konfermata bil-gurament mill-konvenut Anthony Micallef, jinghad hekk (fol. 29):

"… dawna [il-konvenuti] ghamlu fetha f'dan ic-cint biex mill-bitha ikollhom access ghall-istess bejt ...";

Dina l-Qorti ma ghandha ebda dubbju illi hawnhekk il-konvenuti qed jirreferu ghall-fetha u bejt in kontestazzjoni;

Huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi la darba, kif ghadu kemm inghad, jinsab pruvat illi sakemm saret l-imsemmija fetha l-atturi kellhom il-pussess esklusiv ta' l-arja tal-bejt in kwistjoni u, la darba huwa ammess illi l-konvenuti ghamlu l-istess fetha <u>sabiex ikollhom access</u> ghall-istess arja, l-atturi issubew tnaqqis fit-tgawdija tal-pussess esklusiv taghhom. Ghalhekk, il-fatt spoljattiv (*spoliatum fuisse*) huwa pruvat;
Ikkunsidrat:

Ghall-kompletezza, u a skans ta' ekwivoci, tajjeb illi jinghad illi la darba dak sottomess mill-appellanti fil-paragrafu enumerat 3.3 tar-rikors ta' appell (fol. 133-4) jirrigwarda, fi kliem l-istess rikors, "kwistjoni ta' indoli petitorja" u "l-proprjetà fl-arja tal-bejt oggett ta' din il-kawza", ma hemmx lok illi jigi konsidrat fil-kawza odjerna illi hija prettament ta' natura possessorja;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni maghmula mill-atturi appellati fil-penultimu paragrafu tar-risposta taghhom ghar-rikors ta' appell (fol. 137) illi l-appell interpost mill-konvenuti huwa wiehed frivolu u vessatorju. Din il-Qorti taghmilha wkoll cara li hija ferm preokkupata b'hafna rikorsi ta' appell, bhal dak odjern, li qed isiru fejn, b'hafna argumenti specjuzi, dilungar ta' kliem u referenzi ghal sentenzi li jirrepetu l-istess principji legali, il-process gudizzjarju qed jigi abbuzat billi l-proceduri jitwalu inutilment, u dan b'mod partikolari f'kawzi ta' spoll fejn il-

process ghandu, min-natura stess tal-kawza, ikun wiehed spedit.

Ghal dawn il-motivi:
Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi t-terminu ta' xahar stabbilit fil-parti dispozittiva ta' l-istess sentenza ghandu jibda jiddekorri mil-lum;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti b'dan illi, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellanti sabiex ihallsu lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------